FEATURE
In-Nazzjon
It-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2018
17

# Jitfakkar il-kompożitur Rabti Francesco Azopardi bi ktieb dwar ħajtu u ħidmietu

**Noel D'Anastasi**

Illum il-pubblikaturi Faraxa, bl-għajnuna tal-Bank APS, se jniedu l-ktieb tal-Prof Dion Buhagiar bit-titlu 'Francesco Azopardi (1748-1809) A Maltese Classical Theorist and Composer'. It-tnedija se ssir fil-Mużew tal-Wignacourt fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

Din hi pubblikazzjoni li tara snin twal ta' studju u riċerka analitika dwar wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin ta' kull żmien, Francesco Azopardi.

Fit-tnedija se ssir diskussjoni mid-direttur tal-Mużew, il-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi dwar ix-xogħlijiet esebiti f'wirja dwar il-kompożitur li se ssir apposta, fosthom il-libsa li Francesco Azopardi kien jilbes fis-servizz mużikali. Il-Professur tal-mużika, Mro Dion Buhagiar li kien attiv fl-Università ta' Malta *għal aktar minn tletin sena*, jitkellem dwar l-istat ta' Francesco Azopardi fl-istorja mużikali tal-perjodu klassiku f'Malta ta' bejn it-tmiem is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, b'referenza wkoll lejn it-trattat tal-mużika li Azopardi kien kiteb fuq l-armonija u l-kuntrapunt, propju l-istudju tad-dottorat tal-Prof Buhagiar.

Il-programm jinkludi wkoll kunċert vokali u strumentali ta' wħud mill-movimenti fil-Messa in Sol maggiore li Azopardi kiteb fl-1772. Interessanti li l-basso continuo se jindaqq fuq orgni barokk li hemm fil-Mużew Wignacourt, mibni f'nofs is-seklu 18.

## Francesco Azopardi – identità

Francesco Azopardi twieled ir-Rabat Malta fil-5 ta' Mejju 1748. Fi ċkunitu kien qed ikun affaxxinat mill-mużika li kien jisma' fil-Katidral fl-Imdina li f'dak iż-żmien il-kappella mużikali kienet diretta minn Dun Benigno Zerafa, wieħed mill-aqwa kompożituri lokali tal-mużika sagra tas-seklu 18. Azopardi studja l-mużika għand Dun Mikiel Ang Vella li fost aljievi oħra kontemporanji mgħallma minn Vella kien hemm ukoll Nicolo Isouard, Giuseppe Burlo u Salvatore Magrin. Ftit li xejn nafu dwar tfulitu ħlief li mid-dokument tal-'Istatus Animarum' tar-Rabat u l-Imdina għas-sena 1761 jirriżulta li Francesco kien 'chierico' fil-Grotta ta' San Pawl. Ta' 15-il sena, il-familja ħallsitlu l-ispejjeż biex immur jistudja l-mużika f'Napli, f'wieħed mill-erba' konservatorji li fihom studjaw il-mużika wħud miċ-ċelebri tal-mużika Taljana fosthom Pergolesi, Leo, Durante u l-aljievi tagħhom Piccini, Traetta, Jommelli, Sacchini u Guglielmi.

Kien fil-15 t'Ottubru 1763 meta Azopardi daħal fil-Konservatorju Sant'Onofrio a Capuana f'Napli. Hemm dam madwar tliet snin. Fl-istess żmien kien hemm xi Maltin oħra fosthom Francesco di Salvo. Skont Alberto Ghisalberti, Azopardi studja f'Napli ma' Carlo Cotumaci u Giuseppe Doll, filwaqt li Paolo Pullicino, li kiteb l-ewwel tagħrif bijografiku dwar Azopardi kif ukoll Patri Andrea Tanti li għamel l-eloġju funebri ta' Azopardi, jirrimarkaw li Francesco studja ma' Nicolo Piccini.

Wara t-tluq mill-konservatorju, Azopardi baqa' f'Napli sal-1774 fejn bena reputazzjoni bħala għalliem ta' aljievi ulied familji għonja u fil-monasterji. Tul dan iż-żmien, Azopardi għamel xi żjarat f'Malta u kellu kommunikazzjoni mal-Kapitlu tal-Katidral dwar xogħol marbut mal-attività mużikali fil-Katidral. F'Napli, influwenzat minn Nicolo Jommelli u mill-iskola Naplitana, Azopardi kiteb quddiesa kbira għal żewġ korijiet. F'Napli kkompona għadd ta' xogħlijiet oħra.

## Organista u maestro di cappella fil-Katidral

Fl-1773, l-isqof ta' Malta, Monsinjur Pellarano stieden lil Azopardi jiġi lura Malta u biex *jokkupa l-post vakant ta' organista* fil-Katidral. Ġie Malta u serva ta' organista tal-Katidral minn April 1774 sa Frar 1804 sakemm miet il-maestro di cappella Dun Benigno Zerafa. Azopardi laħaq maestro di cappella tal-Katidral f'Marzu 1804, kariga li żammha sakemm miet. Fil-fatt, Zerafa kien għamel snin twal marid u Azopardi kellu jibqa' kważi sa mewt Zerafa bit-titlu ta' organista, għalkemm kien iwettaq iż-żewġ uffiċċji. Fl-1789 kien ukoll attiv fil-Konkatidral. Dawn is-servizzi wasluh biex jikteb ħafna xogħlijiet sagri. Azopardi kien ukoll maestro di cappella f'diversi knejjes madwar Malta fosthom fir-Rabat, fil-Birgu, fiż-Żurrieq, fil-Mosta u f'Ħaż-Żebbuġ.


Il-kompożitur Rabti Francesco Azopardi li kien wieħed mill-kompożituri ewlenin ta' mużika sagra f' pajjiżna

## Xogħlijiet mużikali

Azopardi kiteb madwar 250 kompożizzjoni l-aktar mużika sagra, fosthom 31 quddies, 76 salmi, antifoni, innijiet, responsorji u lamentazzjonijiet kif ukoll madwar 70 mutet. Fost dawn insibu żewġ quddisiet, waħda komposta fl-1792 għall-Konverżjoni ta' San Pawl u l-oħra 'Messa de Requiem' komposta għall-funeral ta' Leopoldu II, Imperatur tal-Awstrija. Azopardi kiteb bosta antifoni fosthom dawk li tagħhom kien maestro di cappella, fosthom 'Levite Laurentius', 'In Sepulcrum' u 'Sacerdotes et Pontifex' x'aktarx li ġew esegwiti fil-festi titulari fil-Birgu, Ħaż-Żebbuġ u fis-Siġġiewi rispettivament.

*Waħda mill-isbaħ xogħlijiet hi* l-antifona 'Vade Anania' għal tenur solo li Azopardi kiteb lejn l-aħħar ta' ħajtu. Din ġiet ik-kumissjonata mill-Kapitlu tal-Katidral fl-1807, jumejn biss qabel il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl.


Mro Dion Buhagiar

Azopardi kiteb mużika t'element sekulari – arji u dwetti fuq libretti ta' Pietro Metastasio (1698-1782). Fl-1791 kiteb l-opra buffa 'La magica lanterna'. Fl-1784 kiteb id-dwett 'Nei Giorni *Tuoi Felici', filwaqt li fl-1802 fuq* librett ta' l-istess Metastasio ikkompona l-oratorio klassiku 'La Passione di Cristo'. Dan l-oratorio sagru kien suċċess kbir meta sar fit-teatru fil-Belt fl-istess sena li nkiteb. Kiteb ukoll overture u sinfoniji fosthom dik tal-1799 għal oboe obligato. Pietru Pullicino jirrimarka li xi xogħlijiet sekulari fosthom arji, dwetti u l-cantata għal De Rohan – 'Malta Felice' (1775) intilfu.

Il-wirt mużikali ta' Azopardi jinsab merfugħ f'bosta arkivji f'Malta u Għawdex, fosthom dak tal-Katidral fl-Imdina kif ukoll fil-Kripta ta' Pawl fir-Rabat u fl-arkivju tal-Matriċi f'Għawdex.

## Musico Pratico

Francesco Azopardi jibqa' wkoll magħruf għat-trattat li kiteb fuq l-armonija u l-kuntrapunt. 'Il Musico Pratico' li nkiteb bejn l-1782 u l-1785 kien iddedikat lill-Kavallier Vincenzo Vergada y Ribera. Dan it-trattat ġie maqlub għall-Franċiż mill-mużiċista Nicola Framéry u mitbugħ f'Pariġi minn Le Duc fl-1786. L-edizzjoni ta' Framéry ġiet introdotta minn André Grétry (1741–1813) lill-kommunità Pariġina fiż-żmien il-monarkija. Fl-1824, dan kellu reviżjoni u reġa' ġie ppublikat mill-mużikoloġista Franċiż Alexandre Choron (1771-1834). Dan ix-xogħol kien imfittex ħafna fil-konservatorju ta' Pariġi. Luigi Cherubini (1760-1842) jagħmel riferenza għat-trattat ta' Azopardi fl-istudju Cours de Contrpoint et de fugue li Cherubini kiteb ma' Fromental Halevy (1799-1862) fl-1835.

Fuq l-istess studju ta' armonija u kuntrapunt, Azopardi kiteb studju kritiku fuq l-oriġini tal-mużika fix-xogħol ta' Dun Antonio Esimeno, qassis Spanjol li għex f'Ruma fl-1780.

Żgur li Azopardi uża dan it-trattat fit-tagħlim tal-mużika li taħtu studjaw Nicolo Isouard, Pietru Pawl Bugeja, Dun Giuseppe Burlo, Dun Giuseppe Principato, Dun Teodoro Piscopo u Marianna Schembri, bint l-imħallef Giovanni Schembri. Jingħad li Marianna kienet l-unika tifla li tgħallmet taħt Azopardi peress li Azopardi kellu karattru skrupluż. Ħafna jsostnu li Marianna Schembri kienet tgħix mal-familja ta' Azopardi fiż-żmien l-imblokk tal-Franċiżi.

Il-Musico Pratico kien ukoll l-istudju analitiku li għamel il-Prof Dion Buhagiar xi żmien ilu. Hu jikkompara t-tieni edizzjoni tal-Musico Pratico mat-trattati kontemporanji ta' Penna, Calegari, Tevo, Vallotti, u Sabbatini.

## Lejn it-Tmiem

Il-ħajja impenjattiva ta' Azopardi ġiet fi tmiemha wara marda kiefra. Francesco Azopardi miet fis-6 ta' Frar 1809 fid-dar tiegħu fir-Rabat, illum Triq l-Isptar, ftit il-bogħod mill-knisja tal-Franċiskani Konventwali.

## Qawmien mill-ġdid tal-mużika ta' Francesco Azopardi

Il-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi, Arkivista tal-Katidral u eks kuratur tal-Mużew tal-Katidral jiftakar l-ewwel kunċert li qajjem mill-ġdid il-mużika ta' Francesco Azopardi.

Dan imur lura għal nofs Lulju tal-1976, aktar minn erbgħin sena ilu. Il-kunċert li kien sar fil-Palazz Viħena fl-Imdina taħt id-direzzjoni ta' Alexander Machat kien inkluda s-'Sinfonia con oboe obligato' komposta minn Azopardi fl-1799, żmien l-Imblokk kontra l-Franċiżi. Il-kompożitur jiffirma Citoyen Azopardi – ċittadin Azopardi. Il-mużika ta' Francesco Azopardi ndaqqet kemm-il darba f'bosta kunċerti, fosthom il-'Messa de' Morti' komposta fl-1792 waqt kunċert fl-2005 organizzat mill-Bank APS b'direzzjoni ta' Mro Dion Buhagiar. Sena wara, il-Fondazzjoni Memorja Kultu*rali Nazzjonali nieda CD doppju* minn Mro Joseph Vella, li ħalliena aktar kmieni din is-sena, li nkludà l-Messa għat-tminn vuċijiet li Azopardi kien kiteb fl-1775 u mużika sekulari. Bla dubju, l-aktar proġett importanti f'dik li kienet mużika ta' Azopardi li ġiet irrekordjata, seħħ fl-1998 mid-dar dis-kografika Studio SM ta' Franza, propju fit-tielet volum ta' Le Manuscripts de Malta li kien iffukat kollu fuq il-mużika ta' Francesco Azopardi, proġett dirett minn Edward Higginbottom li kien intlaqa' tajjeb ħafna mis-segwaċi tal-mużika serja mhux biss f'Malta, iżda wkoll internazzjonali.

## L-orgni barokk li se jintuża waqt il-kunċert

L-orgni li se jindaqq fil-kunċert jinsab fil-Mużew Wignacourt, iżda dan għandu storja twila qabel ma ġie rrestawrat u sab postu fejn jin-sab illum.

Oriġinarjament, kien fil-gallarija tal-knisja Ta' Duna fir-Rabat. Il-kuxjenza ta' Dun Ġwann biex dan l-orgni tas-seklu 18 ma jispiċċax jinqered darba għal dejjem, wassal biex dan jiżżarma *mill-post fejn kien u b'għaqal u* sengħa nġarr lejn il-Mużew Wignacourt.

Dun Ġwann jgħid hekk: "Dan l-orgni kien mimli trab u kanni mitluqa mal-art. Ma jiffunzjonax tajjeb iżda sħiħ. L-organista tal-Mosta, membru fi ħdan is-Soċjetà Mużewmina, poġġa l-kanni f'posthom u mmarkhom b'numru qabel dawn iżżarmaw u nġarru. Joe Borg, is-sagristan tal-Katidral kien għen fil-ġarr waqt li kumpanija privata tal-ġarr mis-Siġġiewi niżżlu l-kaxxa tal-orgni mill-galarija għal isfel u ġarrewha lejn il-Mużew Wignacourt. L-organista bil-paċenzja immuntah kif seta' u tpoġġa ġo waħda mis-swali. Għalkemm ma kienx jaħdem, kien attraenti fl-għajn. Dan kien fl-1991."

Id-direttur tal-Mużew Wignacourt ikompli jġib il-memorji ta' meta l-orgni ġie rrestawrat. Jiftakar meta dan l-orgni kien raħ r-restawratur tal-orgnijiet Robert Buhagiar li kien studja u ħadem ma' Mascioni, kumpanija Taljana rinomata għall-bini tal-orgnijiet bi storja u tradizzjoni antika li tmur lura għat-twaqqif tagħha fl-*1829. Jidher li f'dak iż-żmien ir-*restawratur kien mogħni bix-xogħol u dan il-proġett kellu jitħalla fil-ġenb . "Kien ħadu d-*dar, minbarra l-kaxxa. Domna* nistennew snin. L-ispiża kienet eluf ta' liri Maltin u ridna nsibu għajnuna finanzjarja. Xi ħadd issuġġerilna lil Marie Amelie Dewavrin tal-Fondazzjoni IMC. Bgħatnielha r-rapport u l-istima. Kien hemm min ħassrilha, iżda fl-aħħar aċċettat."

Fl-inawgurazzjoni saret preżentazzjoni mir-restawratur Robert Buhagiar u kunċert minn Diego Cannizzaro ta' Sqallija. Waqt ir-restawr tfaċċa bil-linka l-isem tal-organaro Annibal Lo Bianco Galatensis 1753, kostruttur tal-orgnijiet minn Galati f'Messina, rinomat għall-bini tal-orgnijiet barrokki tas-seklu tmintax. Il-ħidma tiegħu hi ddokumentata fl-orgnijiet li jinsabu f'bosta knejjes fi Sqallija, fosthom Santa Maria a San Piero Patti.

Dun Ġwann issemmi li fuq dan l-orgni saru żewġ kunċerti oħra, l-aħħar wieħed mis-Soċjetà San Publju ta' Malta tal-Floriana.


L-orgni barokk li kien restawrat bl-għajnuna ta' Marie Amelie Dewavrin